



L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

NOTA TA' SPEJGA GĦALL-

OPINJONI NRU 01/2013

RMT.0136 (ADR.001(a)) u RMT.0137 (ADR.001(b))

RMT.0140 (ADR.002(a)) u RMT.0141 (ADR.002(b))

RMT.0144 (ADR.003(a)) u RMT.0145 (ADR.003(b))

NPA/CRD 2011-20

'Rekwiżiti tal-Awtorità, l-Organizzazzjoni u l-Operazzjonijiet għall-Ajrudromi'

SOMMARJU

Din in-Nota ta' Spjega għandha l-għan li tgħarraf lill-qarrej dwar il-kontenut ewlieni tal-Opinjoni prevalenti Nru 01/2013 tal-EASA u dwar il-bidliet fl-abbozz tar-Regolament dwar l-ADR li saru wara s-CRD. Dawk il-bidliet huma bbażati fuq ir-reazzjonijiet li ngħataw għas-CRD u indikaw lok għal irfinar ulterjuri tal-abbozz tad-dispożizzjonijiet. Il-bidliet u l-motivazzjoni tagħhom huma indikati f'dan id-dokument.

Fuq il-bażi ta' koordinazzjoni estensiva mal-Istati Membri u l-partijiet interessati, l-EASA temmen li din l-Opinjoni hija bbażata fuq kunsens qawwi u tippreżenta pjattaforma matura sabiex jiġi adottat ir-Regolament dwar l-ADR tal-ġejjieni.

INTRODUZZJONI

I. Ġenerali

1. Ir-Regolament Emendat (KE) Nru 216/2008 (minn hawn 'il quddiem ir-`Regolament Bażiku`), estenda r-responsabilitajiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-`Aġenzija`) għall-oqsma tal-ATM/ANS u l-ajrudromi. Din ir-responsabilità l-ġdida tat is-setgħa lill-Aġenzija sabiex tfejji abbozz ta' regoli dwar is-sikurezza għall-ajrudromi kif ukoll regoli komuni għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza mill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Avjazzjoni (NAAs) b'appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea.
2. L-iskop ta' din l-Opinjoni huwa li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fit-twaqqif tar-Regoli ta' Implimentazzjoni (IRs) għall-Ajrudromi fl-għoti tad-deliberazzjonijiet finali tal-Aġenzija dwar din il-kwistjoni. Dawk l-IRs huma mistennija li jiġu adottati mill-Kummissjoni Ewropea u jidħlu fis-seħħ sa tmiem is-sena 2013.
3. B'mod parallel, ġie żviluppat materjal mhux vinkolattiv (Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC), Materjal ta' Gwida (GM) u Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni (CS)) li jservi ta' pedament għal dawn l-IRs tal-ġejjieni u huwa previst li dan ser jiġi adottat mill-Aġenzija u jidħol fis-seħħ fl-istess żmien bħall-IRs. B'differenza mill-proċess għall-IRs ta' hawn fuq, dan il-materjal li jservi ta' pedament ser jibqa' mal-Aġenzija qabel l-adozzjoni u għalhekk jingħata iktar żmien biex jiġi aġġustat u ffinalizzat tul is-sena 2013.
4. Din in-Nota ta' Spjega għandha l-għan li tgħin lill-qarrej jifhem ir-raġunijiet u l-effetti tal-aħħar bidliet fl-abbozz tar-Regoli ta' Implimentazzjoni (IRs). Dawk il-bidliet huma rakkomandati mill-Aġenzija bħala rispons għar-reazzjonijiet riċevuti għas-CRD għall-NPA 2011-20. Qiegħda tiġi offruta kemm verżjoni `nadifa` (`clean`) kif ukoll waħda bil-`bidliet li saru` (`tracked changes`) tal-abbozz tal-ġejjieni tal-IRs.
5. Barra minn hekk, bħala Dokument Mehmuż għal din in-Nota ta' Spjega, għal għanijiet ta' informazzjoni biss u mingħajr ma tagħmel parti formali minn din l-Opinjoni, qiegħda tiġi offruta lista li tagħti dettalji dwar dawk il-partijiet li jservu ta' pedament għall-AMC, il-GM u s-CS li l-Aġenzija beħsiebha tkompli ssawwar. Din il-lista mhux eżawrjenti qiegħda tinbena wkoll mir-reazzjonijiet għas-CRD u mhijiex meqjusa bħala waħda finali. F'każijiet individwali, huwa offrut abbozz tat-test ġdid.

II. Kamp ta' Applikazzjoni tal-Opinjoni

6. Din l-Opinjoni tikkonsisti mid-dokumenti li ġejjin:
 - L-Abbozz tar-Regolament ta' Kopertura dwar l-Ajrudromi bl-annessi li ġejjin:
 - Anness I — Il-Parti Rekwiżiti tal-Awtorità (Parti-ADR.AR)
 - Anness II — Il-Parti Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni (Parti-ADR.OR)
 - Anness III — Il-Parti Rekwiżiti tal-Operazzjonijiet (Parti-ADR.OPS)

III. Struttura tar-regola

7. Il-figura li ġejja tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-annessi li hemm fir-Regolament tal-ġejjieni dwar l-Ajrdromi:




Figura 1:Annessi tar-Regolament dwar l-Ajrdromi

IV. Konsultazzjoni

8. In-NPA 2011-20 ġie ppubblikat fuq il-websajt tal-Aġenzija (<http://easa.europa.eu/rulemaking/notices-of-proposed-amendment-NPA.php>) fit-13 ta' Diċembru 2011. Wara talba għal estensjoni, il-perjodu ta' konsultazzjoni ntemm fit-30 ta' April 2012.
9. Is-sommarji tal-kummenti, it-tweġibiet relatati għall-kummenti fil-qosor u t-test propost u rivedut tar-regola ġew diskussi fl-avvenimenti li ġejjin:
- Il-konferenza dwar l-ajrdromi 21/22 ta' Mejju 2012
- Laqgħat ta' reviżjoni tematika
- L-Abbozz tar-Regolament u l-Parti AR 12 ta' Ġunju 2012
 - Il-Parti OR 13 ta' Ġunju 2012
 - Il-Parti OPS 19 ta' Ġunju 2012
 - Il-Ktieb I CS 20 ta' Ġunju 2012
10. Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq u l-konsultazzjonijiet estensivi mal-awtoritajiet, l-assoċjazzjonijiet u l-operaturi tal-ajrdromi, l-Aġenzija ppubblikat is-CRD għan-NPA 2011-20 fis-26 ta' Novembru 2012. Il-perjodu għar-reazzjonijiet intemm fit-3 ta' Frar 2013. Fi ħdan dan il-perjodu għar-reazzjonijiet, l-Aġenzija żammet livell

għoli ta' koordinazzjoni mal-partijiet kollha biex jiġi żgurat li r-reazzjonijiet kollha jiġu indirizzati b'mod adegwat. Hawnha laqgħat, kemm dawk formali kif ukoll dawk informali, saru sabiex tkun tista' ssir diskussjoni miftuħa tas-suġġetti bejn il-partijiet kollha bil-għan li jiġi żgurat li l-partijiet kollha jifhmu l-bidliet proposti u l-ġustifikazzjoni għall-bidla.

V. Ħarsa ġenerali lejn ir-reazzjonijiet għas-CRD

11. Tajjeb li jiġi nnotat li numru sinifikanti ta' reazzjonijiet ikkonfermaw l-apprezzament kemm tal-awtoritajiet kif ukoll tal-operaturi tal-ajrudromi għall-isforzi murija mill-Aġenzija fit-tentattiv li twieġeb b'mod pożittiv għall-kummenti riċevuti matul il-konsultazzjoni pubblika dwar l-NPA. Inħass li s-CRD jindirizza hawnha mill-kwistjonijiet mibgħuta lill-Aġenzija. Hawnha reazzjonijiet mqajma kienu jikkonċernaw l-adozzjoni tar-regoli u dwar in-nuqqas ta' kontinwità li feġġet minħabba l-bidla ta' wħud mir-regoli mingħajr ma ġiet indirizzata bis-sħiħ il-konsegwenza ta' dik l-azzjoni fuq regoli relatati jew ta' appoġġ. It-test li ġej ser ikollu l-iskop li jissottolinja l-bidliet fuq kull parti mwettqa mill-Aġenzija bħala tweġiba għar-reazzjonijiet riċevuti u jindika l-ġustifikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.
12. Reazzjoni mtennija espressa mill-industrija kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-użu tal-frażi 'għandhom jiżguraw'. Deher li kienet il-fehma ġenerali li dan it-terminu kien ifisser li l-operaturi tal-ajrudrom huma direttament responsabbli mill-iżvilupp tal-proċeduri u l-verifika li l-proċeduri ġew segwiti minn dawk kollha ikkonċernati. Din ma kinitx l-intenzjoni tal-frażi u ma tikkonformax mal-kamp ta' applikazzjoni maħsub mill-Aġenzija għall-operatur tal-ajrudrom. L-intenzjoni tal-Aġenzija meta jintuża t-terminu 'jiżguraw' hija li l-operatur tal-ajrudrom għandu jikkonferma għalih stess li hemm fis-seħħ proċeduri promulgati kif xieraq u inklużi fis-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza globali tal-ajrudromi. Fil-fehma tal-Aġenzija, organizzazzjonijiet oħrajn jista' jkollhom rwol attiv fil-provvediment tal-proċedura effettiva b'konformità mar-regola iżda tibqa' r-responsabilità tal-operaturi tal-ajrudromi li jniedu din il-proċedura u li jissorveljaw u janalizzaw l-effikaċja tagħha.
13. Bħala tweġiba għal talba ta' kjarifika tar-responsabilità tal-operaturi tal-ajrudrom meta s-servizzi operattivi jiġu fornuti minn entitajiet oħrajn, l-Aġenzija inkludiet materjal ta' gwida ulterjuri li jindika l-livell ta' responsabilità li huma mistennija jżommu matul dawn l-arranġamenti ta' koordinazzjoni. Kif intqal, huwa mistenni li l-operatur tal-ajrudrom ser jikkoordina mal-bosta entitajiet; madankollu, huwa mifhum li fl-iżgurar ta' dik il-koordinazzjoni huma qdew ir-responsabilità tagħhom u għaldaqstant mhumiex responsabbli mill-azzjonijiet ta' dawk l-entitajiet l-oħrajn.
14. Fit-taqsimiet sussegwenti ta' din in-Nota ta' Spjega, huwa pprovdut tagħrif iktar dettaljat dwar l-iżvilupp tal-Abbozz tar-Regolament.

BIDLIET FL-ABBOZZ TAR-REGOLAMENT DWAR L-AJRUDROMI

I. Kamp ta' applikazzjoni

15. L-abbozz tar-Regolament dwar l-ajrudromi jiddefinixxi l-applikabilità ġenerali tal-Partijiet li jkopri, jipprevedi l-konverżjoni ta' ċertifikati eżistenti, jiddefinixxi l-użu tal-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 4(3b) tar-Regolament Bażiku u jipproponi miżuri speċifiċi fil-forma ta' żminijiet ta' konverżjoni u d-Dokument ta' Azzjoni u Aċċettazzjoni tad-Devjazzjoni (DAAD) maħsub sabiex iħaffef it-tranżizzjoni għall-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni l-ġodda.

II. Farsa ġenerali lejn ir-reazzjonijiet

16. Ir-reazzjonijiet għall-abbozz tar-Regolament kienu ffokati l-iktar fuq id-definizzjonijiet, is-sorveljanza tal-ajrudromi, u l-applikabilità tar-regoli qabel iċ-ċertifikazzjoni.

III. Spjegazzjoni tal-bidliet

Premessa ġdida (15):

17. Din il-premessa l-ġdida tispjega r-responsabilità tal-operatur tal-ajrudrom meta servizz tal-ajrudrom meħtieġ skont l-Anness III għar-Regolament jiġi pprovdut minn entità tal-istat jew organizzazzjoni li mhijiex l-operatur tal-ajrudrom innifsu.

Premessa ġdida (16):

18. Din il-premessa l-ġdida tiċċara li l-aspetti mhux tas-sikurezza ta' ċertifikati nazzjonali eżistenti tal-ajrudrom baqgħu mhux affettwati.

Artikolu 1: Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

19. L-Artikolu 1 ġie emendat sabiex jiċċara liema entità trid tikkonforma ma' liema annessi. Il-perjodu ta' żmien li fi ħdanu l-entitajiet differenti jridu jikkonformaw mal-annessi tmexxa għall-Artikolu 12.

Artikolu 2: Definizzjonijiet

20. Deher li kien hemm nuqqas ta' fehim dwar id-definizzjoni ta' 'ċiklu ta' ppjanar tas-sorveljanza' li tuża t-terminu 'r-rekwiżiti applikabbli kollha għandhom jiġu vverifikati tul iċ-ċiklu ta' sorveljanza' u li dan ikun qed iżid ix-xogħol fuq uħud mill-awtoritajiet kompetenti. L-Aġenzija rrevediet it-test u rrealizzat li d-definizzjoni attwali telimina s-sorveljanza tal-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità u l-Ispeċifikazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni, li mhumiex rekwiżiti, u emendat it-test sabiex dan jirrifletti li uħud mill-oġġetti għadhom stabbli u ma jistgħux ikunu soġġetti għal sorveljanza regolari jekk mhumiex milqutin minn bidla. Id-definizzjoni l-ġdida tiddikjara li iċ-ċiklu ta' sorveljanza huwa perjodu li fih tiġi vverifikata l-konformità kontinwa. Din id-definizzjoni ma tidħolx fil-mezzi li bihom jeħtieġ li ssir tali verifika. Id-definizzjoni tat-'termini taċ-ċertifikat' tnaqqset b'żewġ elementi.

Artikolu 3: Kapaċitajiet ta' sorveljanza

21. L-artikolu nbidel sabiex jiġi ċċarat li l-Istati Membri jagħżlu awtorità kompetenti sabiex din tkun responsabbli miċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza tal-ajrudromi u t-tħaddim tagħhom minflok l-operazzjonijiet iġenerali tal-ajrudromi. Dan jiddefinixxi aħjar il-kamp ta' applikazzjoni u l-allinjament mar-Regolament Bażiku. Bidliet oħrajn fl-artikolu jippermettu lill-awtorità kompetenti sabiex tiegħu iżda anki sabiex tnedi miżuri ta' infurzar biss li mbaqgħad jittiegħdu minn entitajiet rilevanti oħrajn.

Ir-regola dwar il-koordinazzjoni tas-sorveljanza tal-ajrudromi li jinstabu qrib il-fruntieri nazzjonali reġgħet għet abbozzata, u issa tnaqqset għal 'salvagwardja' u tmexxiet fl-Artikolu 8.

Artikolu 4: Informazzjoni lill-Aġenzija

22. Ir-reazzjoni għall-Artikolu 4 identifikat li 'ismijiet tal-ajrudromi' jistgħu jwasslu għal problemi ta' identifikazzjoni korretta jekk l-Istat Membru uża t-termini ssuġġeriti fl-Artikolu. Għaldaqstant, sabiex tiġi evitata konfużjoni, l-Aġenzija adottat ir-rekwiżit tal-ICAO u issa tiddikjara li l-informazzjoni mogħtija lill-Aġenzija għandu jkun fiha 'l-isem, il-post u l-kodiċi tal-ICAO tal-ajrudromi'.

Artikolu 5: Eżenzjonijiet skont l-Artikolu 4(3b) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008

23. Il-bidla fl-Artikolu 5 tirrifletti l-isforzi tal-Aġenzija sabiex tiċċara l-perjodu ta' żmien li matulu l-Istat Membru jivvaluta l-konformità tal-ajrudrom mar-rekwiżiti ta' eżenzjoni. L-Aġenzija qed tipprova żżomm flessibilità fl-Artikolu biex l-Istat Membru jkun jista' jiddeċiedi jekk ajrudrom jissodisfax ir-rekwiżiti ta' eżenzjoni. Madankollu, kien hemm inkonsistenza żgħira fl-Artikolu li setgħet wasslet għal ftit konfużjoni. Għaldaqstant, l-Aġenzija daħħlet il-kliem 'l-aħħar tliet snin konsekuttivi' fl-Artikolu 5(2) sabiex dan jaqbel mal-Artikolu 5(3)(c).

Artikolu 6: Konverżjoni taċ-ċertifikati

24. L-artikolu nbidel biex jiċċara l-validità taċ-ċertifikati eżistenti.

Artikolu 7: Devjazzjonijiet mill-Ispesifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni

25. Dan l-Artikolu nbidel biex jirrifletti żewġ reazzjonijiet riċevuti. L-ewwel waħda hija dwar l-użu tat-terminu 'l-ewwel' ċertifikati. Inħass li dan iqiegħed lil dawk l-ajrudromi li applikaw għal ċertifikazzjoni bikrija fi żvantaġġ meta mqabbla ma' dawk li ġew iċċertifikati iktar tard. L-iżvantaġġ identifikat kontra dawk li għadu ma nħargilhomx iċ-ċertifikat il-ġdid tagħhom kien ifisser li kwalunkwe devjazzjoni 'ġenwina' misjuba wara ċ-ċertifikazzjoni ma setgħetx tuża d-DAAD, filwaqt li dawk li għad iridu jiġu ċertifikati jistgħu jqiegħdu dawk id-devjazzjonijiet 'mitlufin' fuq id-DAAD. Dan irriżulta fit-tħassir tal-kelma 'l-ewwel' sabiex id-DAAD ikun jista' jintuża f'każijiet ta' żball ġenwin fl-identifikazzjoni tad-devjazzjonijiet applikabbli fil-mument taċ-ċertifikazzjoni. It-tieni reazzjoni involviet l-inkonsistenza tad-data ta' tmiem użata fl-Artikolu u dik użata fin-Nota ta' Spjega. L-Artikolu nbidel biex jirrifletti d-data korretta.

Artikolu 8: Salvagwardja tal-madwar tal-ajrudrom

26. Kif intqal fl-Artikolu 3 iktar 'il fuq, dan l-artikolu issa jinkludi fi (3) ir-rekwiżit għall-koordinazzjoni tas-salvagwardja tal-ajrudromi li jinstabu qrib il-fruntieri nazzjonali minflok is-sorveljanza kif spjegata fl-Artikolu 3 propost aktar qabel.

Artikolu 9: Monitoraġġ tal-madwar tal-ajrudromi

27. Il-bidla fl-Artikolu 9 tirrifletti r-reazzjoni li fil-fatt, il-ħolqien ta' żona għal attività tal-organizzmi slavaġ jista' jkun ta' ġid fl-attirazzjoni tal-organizzmi slavaġ lil hinn miż-żoni fejn ikunu ta' periklu għall-operazzjonijiet tal-ajrudromi. Għaldaqstant, l-Aġenzija daħħlet il-frażi 'ta' ħsara għall-attivitàjiet tal-inġenju tal-ajru' fil-bullett dwar l-attività tal-organizzmi slavaġ.

Artikolu 12: Dħul fis-seħħ

28. L-artikolu nbidel biex jiġi ċċarat li r-rekwiżiti ta' dħul fis-seħħ għal dawk l-ajrudromi li attwalment huma ċertifikati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u dawk l-

ajrudromi li jistgħu jkunu fil-proċess ta' ċertifikazzjoni li beda qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-Regolament.

BIDLJET FL-ANNESS I— IL-PARTI REKWIŻITI TAL-AWTORITÀ (PARTI-ADR.AR)

I. Kamp ta' applikazzjoni

29. Din il-parti tispjega r-rekwiżiti għal awtoritajiet kompetenti. Il-materjal żviluppat jiddefinixxi:
- ir-rekwiżiti għas-sistemi ta' ġestjoni tal-awtoritajiet kompetenti;
 - il-proċedura għar-reviżjoni u l-aċċettazzjoni ta' bażi ta' ċertifikazzjoni tal-ajrudrom proposta u applikabbli ppreżentata minn applikant;
 - il-proċess ta' aċċettazzjoni għal-manwal tal-ajrudrom li jiddefinixxi d-dettalji, is-servizzi u l-operazzjonijiet tal-ajrudrom;
 - ir-rekwiżiti għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, is-suspensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikati għal ajrudromi u operatori ta' ajrudromi (kif applikabbli fi Stat Membru);
 - ir-rekwiżiti tal-awtorità dwar l-issoktar tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-ajrudromi, l-operazzjonijiet u s-servizzi tagħhom u l-operatur tal-ajrudrom;
 - il-kundizzjonijiet li fihom l-operazzjonijiet għandhom jiġu pprojbiti, limitati jew soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet fl-interess tas-sikurezza.

II. Ħarsa ġenerali lejn ir-reazzjonijiet

30. Ir-reazzjoni dwar ir-Rekwiżiti tal-Awtorità ffokat l-iktar fuq is-suġġetti tas-sistema ta' ġestjoni, il-programm ta' sorveljanza, il-ħruġ taċ-ċertifikat u l-bidliet. Fuq il-bażi tar-reazzjonijiet li daħlu, it-test ġie rivedut bil-għan li jonqos ix-xogħol tal-awtoritajiet kompetenti u jiġu ċċarati l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-programm ta' sorveljanza u l-ħruġ taċ-ċertifikat u l-bidliet.

III. Spjegazzjoni tal-bidliet

ADR.AR.A.005: Awtorità kompetenti

31. Ir-Regola ta' Implimentazzjoni (IR) inbidlet sabiex tiċċara li l-awtorità kompetenti (CA) ma toħroġx ċertifikat bla kundizzjonijiet b'mod awtomatiku, li t-test ta' qabel seta' ssuġġerixxa mingħajr intenzjoni.

ADR.AR.B.020: Żamma tar-rekords

32. Issa l-IR tirrifletti li r-rekords għandhom jinżammu sakemm iċ-ċertifikat jew id-dikjarazzjoni jdumu validi, kif xieraq. Din il-bidla saret biex is-CA tkun tista' tiddeċiedi dwar liema rekords għandhom jinżammu.

ADR.AR.C.005: Sorveljanza

33. Issa l-IR tinkludi d-dispożizzjoni sabiex is-CA żżid infrastruttura u attivitajiet oħrajn li jinstabu fi ħdan iż-żoni ssorveljati mill-operatur tal-ajrudrom skont ADR.OPS.B.075 fis-sorveljanza tagħha. Dan jista' jinkludi ftehimiet ta' approvazzjoni minn qabel.

ADR.AR.C.015: Tnedija tal-proċess ta' ċertifikazzjoni

34. L-IR inbidlet sabiex tirrifletti l-fatt li l-proċess ta' ċertifikazzjoni huwa proċess iterattiv u mhux il-proċess 'ping-pong' li kien oriġinarjament promoss. Il-proċess ta'

ċertifikazzjoni għandu jkun proċess kollaborattiv li jeħtieġ li ż-żewġ partijiet jinteraġixxu u jiżviluppaw il-bażi ta' ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni. Mhuwiex maħsub bħala proċedura burokratika u ma għandux jiġi operat bħala tali.

ADR.AR.C.020:Bażi ta' ċertifikazzjoni

35. L-IR inbidlet sabiex tiddeskrivi l-bażi ta' ċertifikazzjoni (CB) bi preċiżjoni ikbar. Il-proċess għall-wasla għas-CB jitqiegħed f'AMC fl-ADR.AR.C.015 meta t-terminu jidher għall-ewwel darba.

BIDLIET FL-ANNES II — IL-PARTI TAR-REKWIŻITI TAL-ORGANIZZAZZJONI (PARTI-ADR.OR)

I. Kamp ta' applikazzjoni

36. Il-Parti-ADR.OR fiha r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-operatur tal-ajrudrom. Il-parti fiha ħames taqsimiet li jkopru r-Rekwiżiti Ġenerali, iċ-Ċertifikazzjoni — Dikjarazzjoni, ir-Responsabilitajiet tal-Operatur, il-Ġestjoni u l-Manwal tal-Ajrudrom. Tinkludi:
- il-kundizzjonijiet għat-tħaddim ta' ajrudrom skont ir-rekwiżiti essenzjali (ERs) tal-Anness Va u, jekk applikabbli, l-Anness Vb għar-Regolament Bażiku;
 - ir-responsabilitajiet u l-privileġġi ta' organizzazzjoni ta' operaturi tal-ajrudromi;
 - il-proċess għall-iżvilupp u l-kontenut tal-manwal tal-ajrudrom u r-rekwiżiti għat-tħaddim tal-ajrudrom b'konformità miegħu;
 - ir-rekwiżiti għal sistema ta' ġestjoni tal-ajrudrom, li fiha s-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza;
 - ir-responsabilitajiet tal-operatur ta' ajrudrom u partijiet terzi li jfornu servizzi operattivi tal-ajrudrom, inklużi proċeduri għall-monitoraġġ u s-supervizzjoni mill-operatur ta' ajrudrom ta' operazzjonijiet ta' partijiet terzi fiż-żona ta' moviment.

II. Farsa ġenerali lejn ir-reazzjonijiet

37. Bħal fir-reazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet, anki l-kummenti dwar ir-rekwiżiti tal-operaturi ffokaw fuq ir-regoli dwar is-sorveljanza ta' partijiet terzi, il-bidliet u r-rekwiżiti tal-persunal. Daħlu reazzjonijiet sinifikanti għar-rekwiżiti ta' taħriġ u dawn wasslu għal sabiex dawn ir-regoli jerġgħu jiġu abbozzati b'mod sostanzjali.

III. Spjegazzjonijiet tal-bidliet

ADR.OR.B.015:Applikazzjoni għal ċertifikat

38. Din l-IR inbidlet sabiex tirrifletti l-intenzjoni tal-bidliet li seħħew fl-ADR.AR.C.015 deskritti iktar 'il fuq fit-taqsimi dwar l-AR. Il-bidliet għandhom iżidu ċarezza għar-rekwiżiti dwar l-applikazzjoni għal ċertifikat.

ADR.OR.B.040:Bidliet

39. Bidla editorjali żgħira fi-bidu tal-IR biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-bidliet u bidla oħra biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni tal-bidla proposta.

ADR.OR.B.060: Dikjarazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' ġestjoni tar-rampa

40. L-IR ġiet irranġata xi ftit għal ċarezza aħjar.

ADR.OR.C.005:Responsabilitajiet tal-operatur tal-ajrudrom

41. L-IR inbidlet sabiex tirrifletti l-fatt li ffit mill-informazzjoni elenkata fir-regola għandha tiġi ppubblikata biss meta dan jitqies neċessarju. L-IR oriġinali timponi r-rekwiżit sabiex tiġi ppubblikata l-informazzjoni li għandha tiġi riflessa biss fil-manwal tal-ajrudrom. Għaldaqstant, l-abbozz tal-IR inbidel sabiex jindika li l-informazzjoni kollha rilevanti għas-sikurezza tal-inġenju tal-ajru għandha tiġi inkluża fil-manwal tal-ajrudrom iżda li hija biss l-informazzjoni xierqa li jeħtieġ tiġi ppubblikata. Saret bidla żgħira oħra biex jitneħħa l-aspett 'formali' fl-arranġamenti li l-operatur tal-ajrudrom jista' jkollu ma' entitajiet oħrajn.

ADR.OR.C.040:Prevenzjoni ta' nirien

42. Il-bidla fl-IR tiċċara li l-operatur tal-ajrudrom mhuwiex responsabbli direttament għall-iżgurar li r-rekwiżit jiġi ssodisfat, iżda għandu jara biss li għandu proċeduri biex jiżgura li l-persuni huma konxji mir-rekwiżit.

ADR.OR.C.045:Użu ta' alkoħol, susntanzi u mediċini psikoattivi

43. L-IR tiddikjara li l-operaturi tal-ajrudromi għandhom jistabbilixxu u jippromulgomaw politika dwar l-użu tas-sustanzi inklużi f'din ir-regola. Ħafna reazzjonijiet indikaw li l-ġestjoni ma għandhiex tiġi inkluża fir-restrizzjonijiet fuq l-użu tas-sustanzi msemmija f'din ir-regola. Madankollu, l-Aġenzija ma ddikjaratx x'għandu jiġi inkluż fil-politika, iżda biex tevita kwalunkwe prekonċett żbaljat, l-Aġenzija neħħiet il-kelma 'ġestjoni'.

ADR.OR.D.015:Rekwiżiti tal-persunal

44. Il-bidla notevoli fl-ADR.OR.D.017 deskritta iktar 'l isfel irriżultat f'rekwiżit li għandu jiġi inkluż f'din l-IR għall-operatur tal-ajrudrom sabiex jiġi żgurat li l-persunal tiegħu involut fit-tħaddim, il-manutenzjoni u l-ġestjoni tal-ajrudrom huwa mħarreġ b'mod adegwat skont il-programm ta' taħriġ. Din l-inklużjoni żżid ċarezza għall-IR ADR.OR.D.017 abbozzata mill-ġdid.

ADR.OR.D.017:Programmi ta' taħriġ u verifika tal-għarfien

45. Il-bidliet sinifikanti f'din l-IR iċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabilitajiet tal-operatur tal-ajrudrom fl-iżgurar li l-persunal tiegħu stess huwa mħarreġ u li jżomm rekords u fl-iżgurar li l-persuni mhux eskortati li joperaw fiż-żona ta' moviment jew żoni operazzjonali oħrajn tal-ajrudrom huma mħarrġa b'mod adegwat. Issa, ir-regola abbozzata mill-ġdid għandha tirrifletti mill-ġdid li l-operatur tal-ajrudrom mhuwiex direttament responsabbli mit-taħriġ tal-persunal ta' organizzazzjonijiet oħrajn. Madankollu, l-operatur tal-ajrudrom irid jiżgura li l-persunal ta' organizzazzjonijiet oħrajn huwa mħarreġ skont l-istandards li huma żviluppatti mill-operatur tal-ajrudrom (sillabu u frekwenzi), kif inhu meħtieġ mir-rekwiżiti essenzjali. Għaldaqstant, iwettaq superviżjoni amministrattiva ġenerali tat-taħriġ fornit lill-persunal ta' organizzazzjonijiet oħrajn.

ADR.OR.D.027:Programmi ta' sikurezza

46. Bidla żgħira biex tirrifletti li l-operatur tal-ajrudrom ma jistax jiżgura li l-organizzazzjonijiet li joperaw fl-ajrudrom huma involuti fi programmi bħal dawn iżda għandu biss iħeġġeġ lill-organizzazzjoni tkun involuta fi programmi bħal dawn.

ADR.OR.D.035:Żamma tar-rekords

47. Bidla żgħira biex tirrifletti li r-rekords li jappartjenu għall-bażi ta' ċertifikazzjoni u mezzi alternattivi ta' konformità li qed jintużaw fil-preżent jeħtieġ jinżammu biss sakemm jibqa' validu ċ-ċertifikat u mhux għal durata bla limitu.

ADR.OR.E.005:Manwal tal-ajrudrom

48. Bidla żgħira biex jiġi ċċarat li r-responsabilità tal-operatur tal-ajrudrom fl-għarfien tal-manwal tal-ajrudrom għall-persunal ta' organizzazzjonijiet oħrajn. It-test tas-CRD implika li l-operatur tal-ajrudrom irid jiżgura li l-persunal tal-organizzazzjonijiet l-oħrajn jafu bil-manwal meta l-għan kien li l-organizzazzjonijiet biss iridu jkunu jafu bih u hija r-responsabilità tagħhom li jiżguraw li tingħbed l-attenzjoni tal-persunal tagħhom lejn il-manwal.

BIDLIET FL-ANNESS III — IL-PARTI REKWIŻITI TAL-OPERAZZJONIJIET (PARTI-ADR.OPS)

I. Kamp ta' applikazzjoni

49. Il-Parti-ADR.OPS fiha r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-operatur tal-ajrudrom. Il-parti fiha tliet taqsimiet li jkopru d-Dejta tal-Ajru, is-Servizzi Operattivi tal-Ajru, it-Tagħmir u l-Installazzjonijiet u l-Manutenzjoni tal-Ajru. Tinkludi:
- rekwiżiti u proċessi għall-operazzjonijiet sikuri tal-ajrudrom, inkluża l-manutenzjoni tal-ajrudrom;
 - rekwiżiti u proċessi għal servizzi operattivi sikuri tal-ajrudrom, indipendentement minn jekk humiex forniti mill-operatur ta' ajrudrom jew minn parti terza;
 - rekwiżiti għas-sikurezza tal-operazzjonijiet fuq l-art relatati mal-inġenji tal-ajru furnuti fiż-żona ta' moviment.

II. Ħarsa ġenerali lejn ir-reazzjonijiet

50. Ir-rekwiżiti għall-operaturi tal-ajrudrom ġibdu numru ta' reazzjonijiet relatati mal-RFFS u l-Manutenzjoni tal-Ajru. Kien hemm bżonn li ċerta ċarezza tindirizza l-mistoqsijiet matul il-perjodu ta' reazzjoni fir-rigward tal-livell ta' obbligu mqiegħed fuq l-operatur tal-ajrudrom biex jiġu żgurati operazzjonijiet sikuri f'ċerti avvenimenti tat-temp.

III. Spjegazzjoni tal-bidliet

ADR.OPS.B.001:Forniment tas-servizzi

51. Bidla żgħira f'din l-IR biex titneħħa l-kelma 'operattivi' mis-servizzi pprovduti peress li s-Subparti hija intitolata 'servizzi operattivi', għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni huwa ddefinit sew u m'hemmx għaliex jittenna fl-IRs. Żdied iktar materjal mal-GM biex jappoġġja l-IR (Ara l-Anness 1).

ADR.OPS.B.010:Servizzi ta' salvataġġ u tifi tan-nar

52. Il-bidliet f'din l-IR jinkludu bidla żgħira biex jiġi ċċarat li ż-żmien ta' rispons mistenni tar-RFFS mhux 'immedjat' iżda 'fil-ħin'. Ir-reazzjonijiet riċevuti indikaw li diment li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rispons ma hemm ebda obbligu ta' rispons 'immedjat' kif kien meħtieġ qabel f'din l-IR. Kien hemm bżonn issir bidla notevoli wara l-bidliet fl-ADR.OR.D.017 deskritti iktar 'il fuq li rriżultat sabiex ir-rekwiżiti għal taħriġ u verifiki tal-għarfien tar-RFFS jingħebu lura f'din il-Parti. L-inklużjoni reċenti tal-ADR.OPS.B.011, li tippermetti l-kunċett ta' partijiet oħrajn li jkunu

responsabbli għas-servizz, tat l-opportunità sabiex din ir-regola tinġieb lura f'post iktar xieraq.

ADR.OPS.B.025:Tħaddim tal-vetturi

53. Bidla żgħira biex titneħħa l-kelma taħriġ 'formali'. Dan għandu jżid maċ-ċarezza li r-regola ma għandhiex l-għan li tobbliga lill-operatur tal-ajrudrom sabiex jipprovdi t-taħriġ b'mod dirett iżda sabiex jistabbilixxi u jimplimenta 'proċeduri'. Bl-istess mod, xejn ma jżomm lill-operatur tal-ajrudrom milli jiddelega lil organizzazzjoni oħra sabiex twettaq dawn il-kompiti.

ADR.OPS.B.035:Operazzjonijiet f'kundizzjonijiet xitwin

54. L-IR inbidlet sabiex jiġi ċċarat iktar ir-rwol tal-operatur.

ADR.OPS.B.040:Operazzjonijiet bil-lejl

55. L-IR inbidlet sabiex jiġi ċċarat iktar ir-rwol tal-operatur.

ADR.OPS.B.045:Operazzjonijiet f'viżibilità baxxa

56. L-IR inbidlet sabiex jiġi ċċarat iktar ir-rwol tal-operatur.

ADR.OPS.B.060:Access għaż-żona ta' moviment

57. Din l-IR tħassret wara l-bidlet fl-ADR.OR.D.017 li issa tinkludi l-għan ta' din ir-regola.

ADR.OPS.B.070:Sikurezza tax-xogħlijiet fl-ajrudrom

58. Ir-rekwiżit li kostruzzjonijiet kbar fl-ajrudrom ikunu approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti tneħħa minn din l-IR. Sar inutli wara l-inklużjoni tal-bidla fl-ADR.AR.C.005 li tkopri s-sitwazzjoni deskritta f'din ir-regola.

ADR.OPS.B.075: Salvagwardja tal-ajrudromi

59. Fil-paragrafu (a)(1) żdiedet il-limitazzjoni tal-kompetenza tal-operatur tal-ajrudrom għal kjarifika b'konformità mal-Artikolu 8a(4) tar-Regolament Bażiku.

ADR.OPS.C.005:Manutenzjoni tal-ajrudrom — Ġenerali

60. Tneħħa r-rekwiżit ta' approvazzjoni minn qabel tal-programm ta' manutenzjoni u tal-attivitajiet ewlenin ta' manutenzjoni.

GĦAL TAGĦRIF BISS

ANNEX 1

Dan l-annex jelenka referenzi bħala materjal ta' appoġ li possibilment ser jiġi rivedut jew minħabba l-bidliet fir-Regola ta' Implimentazzjoni (IR) proposta relatata jew wara r-reazzjonijiet li daħlu li jaffettwaw il-materjal ta' appoġ u, fejn possibbli, tinkludi materjal ġdid li diġà ġie żviluppat.

Din il-lista hija għal skopijiet ta' tagħrif biss u ma għandhiex tinftiehem bħala definita jew eżawrjenti. L-Aġenzija ser tibqa' f'kollegament ma' partijiet esterni tul l-adozzjoni biex tiżgura l-aqwa kwalità ta' dan il-materjal.

Rekwiżiti tal-Awtorità

Il-bidliet possibbli fil-materjal ta' gwida tal-AMC u l-GM jinkludu:

AMC1 ADR.AR.B.005(a)(1) ġdida	Sistema ta' ġestjoni
AMC1 ADR.AR.B.005(a)(4)	Sistema ta' ġestjoni
AMC1 ADR.AR.B.005(d)	Sistema ta' ġestjoni
GM1 ADR.AR.B.005(a)(1)	Sistema ta' ġestjoni
GM2 ADR.AR.B.005(a)(2)	Sistema ta' ġestjoni
AMC1 ADR.AR.C.015(b)(1)(2)	Tnedija tal-proċess ta' ċertifikazzjoni
AMC1 ADR.AR.C.015(b)(1)	Tnedija tal-proċess ta' ċertifikazzjoni
GM1 ADR.AR.C.015(c) ġdida	Tnedija tal-proċess ta' ċertifikazzjoni
AMC1 ADR.AR.C.035(a)	Frug taċ-ċertifikat
GM1 ADR.AR.C.035(a)(2)	Frug taċ-ċertifikat
GM3 ADR.AR.C.035(b)(1);(2)	Frug taċ-ċertifikat
AMC3 ADR.AR.C.040(a);(f)	Bidliet
AMC3 ADR.AR.C.040	Bidliet

Rekwiżiti tal-Organizzazzjoni

Il-bidliet possibbli fil-materjal ta' gwida tal-AMC u l-GM jinkludu:

AMC1 ADR.OR.B.015(b)(4)	Applikazzjoni għal ċertifikat
GM1 ADR.OR.B.015(b)(5)	Applikazzjoni għal ċertifikat

AMC1 ADR.OR.B.040 (a)	Bidliet
GM1 ADR.OR.B.040 (a);(b)	Bidliet
AMC1 ADR.OR.D.005(b)(11)	Sistema ta' ġestjoni
AMC2 ADR.OR.D.005(b)(11)	Sistema ta' ġestjoni
AMC2 ADR.OR.D.005(c)	Sistema ta' ġestjoni
AMC1 ADR.OR.D.010	Attivitajiet kuntrattati
AMC1 ADR.OR.D.015 (b)	Rekwiżiti tal-persunal
AMC1 ADR.OR.D.017(a)	Programmi ta' taħriġ u verifika tal-għarfien
GM1 ADR.OR.D.017(a)	Programmi ta' taħriġ u verifika tal-għarfien
GM2 ADR.OR.D.025	Koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħrajn
AMC1 ADR.OR.D.030	Sistema ta' rapportar dwar is-sikurezza

Rekwiżiti tal-Operazzjonijiet

Il-bidliet possibbli fil-materjal ta' gwida tal-AMC u l-GM jinkludu:

AMC2 ADR.OPS.B.010	L-għoti tas-servizzi
GM5 ADR.OPS.B.010	L-għoti tas-servizzi

Dan il-GM muri hawn taħt ġie żviluppat biex jispjega l-kamp ta' applikazzjoni tal-IR fir-rigward tar-responsabilitajiet tal-operatur tal-Ajrudrom meta Partijiet terzi jkunu involuti fl-iżvilupp u l-forniment ta' servizz operazzjonali, eż. RFFS, Permessi tas-Sewqan, eċċ.

GM1 ADR.OPS.B.001 L-għoti tas-servizzi

SERVIZZI

Is-servizzi inklużi fil-Parti B ta' dan l-Anness iridu jiġu pprovduti f'ajrudrom. Iżda f'ċerti każijiet, dawn is-servizzi mhumiex ipprovduti direttament mill-operatur tal-ajrudrom, iżda minn organizzazzjoni oħra jew entità tal-Istat jew taħlita bejniethom. Madankollu, l-operatur tal-ajrudrom, peress li huwa responsabbli mit-tħaddim tal-ajrudrom, għandu jkollu arranġamenti u interfaċċi ma' dawn l-organizzazzjonijiet jew entitajiet biex jiżgura l-għoti tas-servizzi skont ir-rekwiżiti legali. Il-metodu spjegat iktar 'il fuq jabqel mal-intenzjoni ta' Sistema Integrata ta' Ġestjoni tas-Sikurezza li tgħin lill-operatur tal-ajrudrom fl-iżgurar li qed jintlaħaq l-objettiv ta' sikurezza fl-għoti tas-servizz. Fit-twettiq ta' din l-azzjoni, l-operatur tal-ajrudrom għandu jitqies li rrilaxxa r-responsabilità tiegħu billi jħaddem il-proċeduri msemmija iktar 'il fuq, u fuq kollox, ma għandux jinftehem li l-operatur tal-ajrudrom huwa direttament responsabbli min-nuqqas ta' konformità minn xi entità oħra involuta fl-arranġament.

Bidliet oħrajn fil-materjal ta' appoġġ (**AMC u GM**) għal RFFS ser ikollhom jiġu riveduti minħabba li r-rekwiżiti ta' taħriġ tpoġġew lura f'din il-Parti.

AMC1 ADR.OPS.A.010	Rekwiżiti ta' kwalità tad-dejta
AMC1 ADR.OPS.B.005	Ippjanar ta' emerġenza tal-ajrudrom
AMC5 ADR.OPS.B.010	Servizzi ta' salvataġġ u tifi tan-nar
GM5 ADR.OPS.B.010	Servizzi ta' salvataġġ u tifi tan-nar
AMC1 ADR.OPS.B.020	Tnaqqis tal-periklu ta' attakk minn organiżmi slavaġ
AMC1 ADR.OPS.B.035	Operazzjonijiet f'kundizzjonijiet xitwin
AMC1 ADR.OPS.B.045	Operazzjonijiet f'viżibilità baxxa
AMC1 ADR.OPS.B.075	Salvagwardja tal-ajrudromi

L-AMCs u l-GM relatati mal-**ADR.OPS.B.060** ser jiġihassru

II-Ktieb 1 u 2, Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni u Materjal ta' gwida

L-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni li forsi ser jiġu riveduti fil-materjal ta' appoġġ tal-Ktieb 1 u 2 jinkludu:

KAPITOLU B – RUNWAYS

CS ADR-DSN.B.035	Tul propju tar-runway u d-distanzi ddikjarati
CS ADR-DSN.B.045	Wisa' tar-runways
CS ADR-DSN.B.060	Ix-xaqlibiet lonġitudinali tar-runways
CS ADR-DSN.B.065	Il-bidliet fix-xaqlib lonġitudinali fir-runways
CS ADR-DSN.B.070	Distanza tal-vista għax-xaqlibiet fir-runways
CS ADR-DSN.B.080	Xaqlibiet trasversali fir-runways
CS ADR-DSN.B.095	Il-pads għad-dawrien fir-runway
CS ADR-DSN.B.105	Saħħet il-pads għad-dawrien fir-runway
CS ADR-DSN.B.130	Xaqlibiet fil-bankini tar-runway
CS ADR-DSN.B.135	Wisa' tal-bankini tar-runway
CS ADR-DSN.B.160	Wisa' tal-istrixxa tar-runway
CS ADR-DSN.B.170	Avviċinament mhux ta' preċiżjoni u strixxi tar-runway bla strumenti
CS ADR-DSN.B.180	Xaqlibiet lonġitudinali fuq l-istrixxi tar-runway
CS ADR-DSN.B.185	Xaqlibiet transversali fuq l-istrixxi tar-runway
CS ADR-DSN.B.190	Saħħet l-istrixxi tar-runway
CS ADR-DSN.B.205	Iż-żona operattiva tal-altimetru tar-radju

KAPITOLU Ċ — ŻONA TAS-SIKUREZZA F'XIFER IR-RUNWAY

- CS ADR-DSN.C.215 Daqsijiet taż-żoni tas-sikurezza f'xifer ir-runway
 CS ADR-DSN.C.230 Xaqlibiet fiż-żoni tas-sikurezza f'xifer ir-runway
 CS ADR-DSN.C.235 Saħħet iż-żoni tas-sikurezza f'xifer ir-runway

KAPITOLU D — KORSIJI TAS-SEWQAN

- CS ADR-DSN.D.240 Korsiji tas-sewqan ġenerali
 CS ADR-DSN.D.245 Wisa' tal-korsiji tas-sewqan
 CS ADR-DSN.D.265 Xaqlibiet lonġitudinali fil-korsiji tas-sewqan
 CS ADR-DSN.D.270 Bidliet fix-xaqlibiet lonġitudinali fil-korsiji tas-sewqan
 CS ADR-DSN.D.275 Distanza tal-vista tal-korsiji tas-sewqan
 CS ADR-DSN.D.280 Xaqlibiet trasversali fil-korsiji tas-sewqan
 CS ADR-DSN.D.320 Oġġetti fl-istrixxi tal-korsiji tas-sewqan
 CS ADR-DSN.D.330 Xaqlibiet fl-istrixxi tal-korsiji tas-sewqan
 CS ADR-DSN.D.340 Post tal-holding bays, pożizzjonijiet taż-żamma tar-runway, pożizzjonijiet taż-żamma intermedji, u pożizzjonijiet taż-żamma tat-toroq

KAPITOLU L — GĦAJNUNIET VIŻIVI GĦAN-NAVIGAZZJONI (MARKI)

- CS ADR-DSN.L.540 Marki għall-punt ta' mira
 CS ADR-DSN.L.570 Marki miżjuda fil-linja tan-nofs fil-korsiji tas-sewqan

KAPITOLU M — GĦAJNUNIET VIŻIVI GĦAN-NAVIGAZZJONI (DWAL)

- CS ADR-DSN.M.620 Sinjali ajrunawtiċi
 CS ADR-DSN.M.700 Dwal indikaturi fil-korsiji tas-sewqan għall-ħruġ rapidu
 CS ADR-DSN.M.710 Dwal tal-linja tan-nofs fil-korsiji tas-sewqan
 CS ADR-DSN.M.715 Dwal tal-linja tan-nofs tal-korsiji tas-sewqan fil-korsiji tas-sewqan, ir-runways, il-korsiji tas-sewqan għall-ħruġ rapidu, jew f'korsiji tas-sewqan oħrajn għall-ħruġ
 CS ADR-DSN.M.760 Sistema viżiva avanzata ta' gwida għall-ipparkjar
 CS ADR-DSN.M.770 Dwal ta' pożizzjoni taż-żamma tat-triq

KAPITOLU Q — GĦAJNUNIET VIŻIVI BIEX JIĠI INDIKAT IX-XKIEL

- CS ADR-DSN.Q.840 Oġġetti li għandhom jiġu mmarkati u/jew imdawla

KAPITOLU S — SISTEMI TAL-ELETTRIKU

- CS ADR-DSN.S.880 Sistemi ta' provvista tal-enerġija elettrika għall-għajnuniet viżivi

KAPITOLU T — SERVIZZI OPERATTIVI, TAGĦMIR U INSTALLAZZJONI TAL-AJRUDROMI

- CS ADR-DSN.T.910 Rekwiżiti tal-franġibilità tat-tagħmir
 CS ADR-DSN.T.915 Tqegħid tat-tagħmir u l-installazzjonijiet f'żoni operattivi